Dan il-fuljett huwa parti minn serje miktuba minn infermiera, tobba u esperti b'esperjenza fil-kura tal-anzjani. Is-serje għandha l-għan li tagħmel il-vjaġġ tiegħek fil-kura residenzjali tal-anzjani aktar faċli. Fittex fuljetti oħra dwar mistoqsijiet li għandek tistaqsi dwar ħtiġijiet speċifiċi ta' kura. Dawn jistgħu jitniżżlu minn: **www.10questions.org.au**

Spiss, meta tidħol f'dar residenzjali għall-kura tal-anzjani, din tista' tkun deċiżjoni diffiċli u emozzjonali. Il-biċċa l-kbira tas-servizzi tal-kura tal-anzjani għandhom ikunu akkreditati biex joperaw iżda hemm differenza kbira fil-mod kif jitmexxa kull servizz, għalhekk huwa importanti li tistaqsi l-mistoqsijiet xierqa meta qed tfittex dar tal-anzjani.

L-iktar importanti, għandek issib dar li tagħtik kura li tirrispondi kulturalment u lingwistikament, li hija inkluživa, sensittiva u li tissodisfa l-bżonnijiet individwali tiegħek.

L-aħjar mod biex issib dar li taqbel għalik huwa li żżur ftit djar differenti. Biex issib djar fl-inħawi tiegħek tista' tuża l-**My Aged Care Aged Care Home Finder** billi ċċempel **1800 200 422** jew żur **myagedcare.gov.au**

Diċembru 2022

## HU D-DRITT TIEGĦEK LI TISTAQSI

Jekk teħtieġ parir ta' avokatura jew ta' speċjalista dwar xi suġġett li m'hux kopert f' dan il- fuljett:

**My Aged Care**
**1800 200 422**
**myagedcare.gov.au**

**Servizz ta' Traduzzjoni u Interpretazzjoni (TIS)**
**131 450**

Dan il-fuljett ġie żviluppat u approvat minn:

NSW Nurses & Midwives' Association; MCCI Multicultural Communities Council of Illawarra; Geriatric Medicine NSW Division; Seniors Rights Service; Carers NSW Australia; COTA New South Wales; CPSA Combined Pensioners & Superannuants Association; CSGPN; Professor Dimity Pond PhD BA MBBS FRACGP; Health Consumers NSW; Australian Nursing & Midwifery Federation; Country Women's Association NSW; QACAG Quality Aged Care Action Group Incorporated; OWN; WEL

Għal lista sħiħa ta' organizzazzjonijiet ta' appoġġ jekk jogħġbok żur **www.10questions.org.au**

Jekk għandek tħassib dwar il-faċilità residenzjali tal-kura tal-anzjani ikkuntattja:
1800 951 822

Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission
**www.agedcarequality.gov.au**

# 10 Mistoqsijiet li għandek tistaqsi

## DWAR IL-BŻONNIJIET KULTURALI TIEGĦEK FIL-KURA RESIDENZJALI TAL-ANZJANI

## (CULTURAL AND LINGUISTIC - MALTESE)

MCCI Multicultural Communities Council of Illawarra
NSW Nurses & Midwives' Association

**www.10questions.org.au**

## 1 Hemm impjegati bilingwali li jistgħu jitkellmu il-lingwa tiegħek?

Djar residenzjali għall-kura tal-anzjani jista' jkollhom impjegati li jistgħu jitkellmu l-lingwa tiegħek biex jgħinuk fil-ħtiġijiet ta' komunikazzjoni ta' kuljum tiegħek jekk il-lingwa preferuta tiegħek mhix l-Ingliż. Kun żgur li fuq kull xift ikun hemm impjegati li jistgħu jitkellmu l-lingwa tiegħek.

## 2 Jiġu preparati għażliet ta' ikel kulturali?

L-għażla li tiekol varjetà ta' ikel li huwa nutrittiv, bilanċjat, ippreparat frisk u aċċettabbli fi ħdan kultura partikolari hija importanti għas-saħħa u l-benesseri tiegħek. Staqsi jekk id-dar għandhiex għażliet ta' menu differenti adattati għall-bżonnijiet tad-dieta kulturali tiegħek.

## 3 Hemm regoli speċifiċi tad-dar li trid tkun konxju tagħhom li jista' jkunu differenti mir-rutina tiegħek?

Xi djar residenzjali għall-kura tal-anzjani jista' jkollhom regoli li jiddeterminaw il-ħinijiet tal-irqad, il-ħinijiet tal-ikel u meta tingħata kura personali. Skopri kemm hemm għażliet bl-attivitajiet ta' kuljum tiegħek biex tiżgura li jissodisfaw il-ħtiġijiet kulturali tiegħek.

## 4 X'inhuma l-miżati u l-ħlasijiet għas-servizzi u se jkun hemm xi spejjeż addizzjonali?

Id-dħul u l-assi tiegħek jiddeterminaw dak li jkollok bżonn tħallas għall-kura tiegħek. Se tiddetermina wkoll jekk intix eliġibbli għal kwalunkwe tip ta' sussidju. Xi djar residenzjali għall-kura tal-anzjani jista' jkollhom ukoll ħlasijiet addizzjonali għal oġġetti speċifiċi jew ħlas bażiku ta' kuljum. Staqsi lid-dar kemm ser tiswa l-kura tiegħek.

## 5 Il-ħtiġijiet kulturali qed jiġu rikonoxxuti?

Li wieħed jifhem u japprezza d-diversità kulturali huwa essenzjali peress li l-kultura hija karatteristika li tiddefinixxi l-identità ta' persuna. Ħafna organizzazzjonijiet issa jaqdu ħtiġijiet kulturali speċifiċi, ikun xi jkun l-isfond tiegħek. Kun żgur li s-servizz jista' jissodisfa l-bżonnijiet kulturali tiegħek.

## 6 Il-prattiċi reliġjużi u t-twemmin spiritwali huma akkomodati?

Il-prattiċi reliġjużi u t-twemmin spiritwali huma vasti u varjati matul l-għadd kbir ta' kulturi fis-soċjetà tagħna. Skopri kif id-dar residenzjali tal-kura tal-anzjani tgħin lir-residenti tagħha bil-bżonnijiet reliġjużi u spiritwali tagħhom.

## 7 Il-familja u l-ħbieb huma mħeġġa biex iżuru d-dar meta jkun konvenjenti għar-resident?

Il-familja u l-ħbieb għandhom rwol importanti f'ħafna kulturi. Skopri jekk hemmx restrizzjonijiet li jistgħu jillimitaw iż-żjara. Jekk il-familja tiegħek trid taqsam ikla jew toqgħod matul il-lejl, dan huwa permess?

## 8 Għandek xi attività kulturali li tagħmel regolarment?

Hemm xi attivitajiet kulturali speċifiċi fir-rutina ta' kuljum jew fl-interazzjonijiet soċjali tiegħek? Kun żgur li d-dar residenzjali tal-kura tal-anzjani tkun konxja tal-importanza li dawn l-attivitajiet jiġu inklużi fir-rutina ta' kuljum tiegħek.

## 9 Kif inhuma l-arranġamenti tal-akkomodazzjoni?

Li tkun imdorri tgħix b'ċertu mod jista' jkun il-fattur li jiddeċiedi meta tkun qed tfittex dar residenzjali għall-kura tal-anzjani. Kun żgur li int komdu bl-arranġamenti proposti ta' kif ser tgħix. Sib dak li tista' u ma tistax iġġib miegħek.

## 10 Ser tagħmel ilment?

Int għandek id-dritt li tilmenta jekk m'intix kuntent. Skopri kif tagħmel ilment fid-dar residenzjali tal-kura tal-anzjani tiegħek. L-interpreti jistgħu jgħinu jekk iċċempel lis-Servizz tat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni (TIS) fuq 131 450.